# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru 1**

**Rikors numru 1123/09 GC**

**Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2015**
**illum jissejjah Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq ir-rikorrent fis-17 ta' Novembru 2009 li jaqra hekk:

> "Illi l-esponenti huwa s-sid tal-bastiment MFV 'Al Basil 1' li huwa registrat gewwa l-Port ta' Rashed, fl-Egittu, u jgib in-numru tar-registrazzjoni 477 u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat dokument "A";
>
> "Illi l-valur tal-imsemmi bastiment huwa ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000) skond survey rilaxxat mill-Ing J Amato (Dokument "B");

"Illi allegatament, waqt illi l-imsemmi bastiment kien fil-pussess u/jew taht il-kontroll tal-Kaptan Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka u/jew fil-pussess ta' terzi, gie kommess att kriminali li kien jikkonsisti fost affarijiet ohra fi ksur tal-artikolu 60 tal-Kapitolu 37 u l-Artikoli 16 tal-Kapitoli 382 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in kwantu allegatament instab kwantita ta' sigaretti fl-istess bastiment li fuqu allegatament ma kienx thallas dazju jew taxxa dovuta;

"Illi matul l-esekuzzjoni ta' dana l-allegat att kriminali, allegatament qed jinghad illi ntuza l-bastiment hawn fuq imsemmi, proprjeta tal-esponenti;

"Illi b'konsegwenza ta' dan, fil-31 ta' Ottubru, 2009, l-intimat qabad l-imsemmija bastiment li jgib numru tar- registrazzjoni 477, liema qbid ghandu r-riferenza numru 105/2009, kopja tan-nota ta' qbid qed tigi hawn annessa u markata Dokument "C";

"Illi l-esponent debitament avza lill-intimat illi kien ser jitlob u kien bhala fatt qieghed jitlob ir-rilaxx tal-bastiment fuq imsemmi u dana permezz ta' ittra legali datata 2 ta' Novembru 2009 (Dokument "D");

"Illi l-esponenti huwa assolutament estraneu ghall-allegat att kriminali u bhala fatt ittiehdu passi kontra Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka ad eskluzjoni tal-esponenti;

"Illi inoltre ma jirrizultax illi hemm bzonn illi l-bastiment jibqa' taht il-kustodja tal-intimat in kwantu l-imsemmi bastiment huwa oggett separat u distint mis-sigaretti allegatament misjuba fih, liema sigaretti ghandhom ukoll ezistenza indipendenti mill-bastiment li allegatament kien fih;

"Illi b'konsegwenza tal-agir ta' terzi l-esponenti qieghed jigi mcahhad minn oggett proprjeta tieghu li jikkostitwixxi l-mezz tal-ghixien tieghu;

"Illi kawza tal-fatti hawn fuq esposti l-esponenti qieghed jigi intortament isofri danni ingenti u dana primarjament ghaliex giet imcahhda minn oggett proprjeta tieghu li ghandu valur sostanzjali u kif ukoll ghaliex l-imsemmi bastiment huwa oggett uzat mill-esponenti fin-negozju operat minnu;

"Illi peress illi l-esponenti ma kellu ebda involviment fih u ma kienx a konoxxenza tal-allegat att kriminali u wisq anqas awtorizza jew inkariga lil terzi sabiex allegatament jezegwixxu xi att kriminali permezz tal-imsemmi bastiment, l-esponenti m'ghandux jehel il-piena tal-konfiska u b'hekk jigu mcahhad mill-imsemmi bastiment;

"Illi ghaldaqstant hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-bastiment bin-numru tar-registrazzjoni 477 ghandu jigi rilaxxat u ritornat lill-esponenti;

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

"1. Tordna l-helsien ossija rilaxx tal-bastiment MFV 'Al Basil 1' li huwa registrat gewwa l-Port ta' Rashed, fl-Egittu, u jgib in-numru tar-registrazzjoni 477 proprjeta tal-esponenti, u

"2. Konsegwentement tordna lill-intimat Kontrollur tad-Dwana jikkonsenja l-bastiment MFV 'Al Basil 1' lill-esponenti u jawtorizza lill-esponenti jiehu pussess tal-istess bastiment;

"Bl-ispejjez kontra l-intimat."

Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana li tghid hekk:

"Illi l-qbid tal-vapur MFV Al Bassil 1 mill-esponent sar peress li fuq il-vapur instabet kwantita' ta' sigaretti li fuqhom ma kinux thallsu t-taxxi ta' importazzjoni, u ghalhek il-vapur hu suggett ghall-qbid, u dan b'mod tassattiv, ai termini tal-artiklu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-taxxi li kellhom jithallsu fuq dawn is-sigaretti jammontaw ghal EUR 7123.39.

"Illi dawn huma proceduri in rem ghar-rilaxx tal-vapur maqbud ai termini tal-artiklu 72 et seq tal-Kap 37 u ghalhekk hu rrelevanti ghal dawn il-proceduri jekk sid il-vapur kienx jaf bl-uzu li kien qed isir mill-vapur u jekk sidu kienx jaf bis-sigaretti in kwistjoni. Huma rrelevanti wkoll ghall-fini ta' din il-kawza id-drittijiet li jista' ghandu r-rikorrent fuq il-vapur maqbud. Il-punt li din l-Onorabbli Qorti trid tezamina huwa jekk il-vapur kienx il-mezz ta' garr ta' oggetti li kienu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-ligi. Dan hu kollu konfermat mill-gurisprudenza.

"Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrih."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-16 ta' Dicembru, 2011, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, laqghet it-talbiet tal-attur, ordnat ir-rilaxx tal-bastiment in kwistjoni u konsegwentement ordnat lill-intimat jikkonsenja l-istess

bastiment lir-rikorrenti, li hu awtorizzat jiehu l-pussess tal-bastiment, b'dan illi in vista tac-cirkostanzi partikolari, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkonsidrat:-
>
> "Ir-rikorrenti Ahmed Ibrahim Hassam Ahmed Arafa iddikjara li din l-azzjoni qed issir ai termini tal-artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li min jissubbixxi l-qbid jew il-konfiska ta' oggett jista fi zmien stipulat jaghti avviz li hu ghandu l-hsieb li jitlob li jinghata lura l-oggett konfiskat u sussegwentement, fi zmien iehor stipulat, ghandu jibda proceduri quddiem il-Qorti kompetenti biex effettivament jiehu lura l-istess oggett. Hu appuntu ghalhekk li saret din l-azzjoni. L-imsemmija provedimenti jfissru li din il-Qorti ghandha s-setgha li tikkonferma jew ma tikkonfermax il-qbid li jkun sar mill-intimat Kontrollur tad-Dwana.
>
> "Fir-rikors guramentat tieghu l-imsemmi rikorrenti jippremetti li hu s-sid tal-bastiment MFV "Al Basil1" registrat l-Egittu bin-numru ta' registrazzjoni 477. Ir-rikorrenti jkompli jippremetti li fil-hin li l-imsemmi bastiment kien fil-pussess tal-Kaptan Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka allegatament gie kommess att kriminali bi ksur tal-arikolu 60 tal-imsemmi Kapitolu 37 u l-artikolu 16 tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' nstabet kwantita' ta' sigaretti abbord l-imsemmi bastiment u allegatament ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa relattiva ta'importazzjoni fuq is-sigaretti. Bhala konsegwenza, fil-31 ta' Ottubru 2009, l-bastiment gie maqbud jew konfiskat mill-konvenut u tali qbid igib in-numru ta' referenza 105/2009. Permezz ta' ittra legali l-intimat gie avzat mir-rikorrenti li kien ser jintalab ir-rilaxx tal-bastiment.
>
> "Ir-rikorrenti ddikjara li hu kompletament estraneu ghall-allegat att kriminali tant li effettivament il-proceduri krimanali ttiehdu esklusivament kontra l-imsemmi Kaptan Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka. Ir-rikorrenti jippremetti ukoll li ma hemmx il-htiega li l-bastiment jibqa' taht il-kustodja tal-intimat peress li l-bastiment huwa oggett separat u distint mis-sigaretti misjuba u inoltre l-istess sigaretti ghandhom ezistenza indipendentement mill-bastiment.

"Ir-rikorrenti jsostni li b'konsegwenza ta' agir ta' terzi hu qed ikun imcahhad mill-proprjeta' tieghu li ukoll tikkostitwixxi l-mezz tal-ghixien tieghu u inoltre qed isofri intortament danni ingenti anke peress li -bastiment m'ghandux jehel il-piena tal-konfiska.

"Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed jitlob li jigi ordnat il-rilaxx tal-bastiment u konsegwentement jigi ordnat lill-intimat jikkonsenja l-bastiment lir-rikorrenti li ghandu jigi awtorizzat jiehu pussess tal-bastiment.

"Fir-risposta tieghu l-intimat Kontrollur tad-Dwana eccepixxa li l-qbid tal-bastiment sar skond il-ligi peress li fuq il-bastiment instabet kwantita' ta' sigaretti li fuqhom ma kienux thallsu t-taxxi ta' importazzjoni u f'kazijiet bhal dawn il-qbid hu tassattiv skond l-artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37). L-imsemmija taxxi kienu jamontaw ghal €7123.39. L-intimat kompla jeccepixxi li hu irrilevanti, f'dawn il-proceduri, jekk is-sid tal-bastiment kienx jaf bl-uzu li kien qed isir mill-vapur u jekk kienx jaf bl-esistenza tas-sigaretti in kwistjoni. Huma irrelevanti ukoll id-drittijiet li jista' ghandu l-attur, bhala sid, fir-rigward tal-bastiment. L-intimat jikkontendi li skond il-gurisprudenza nostrani l-unika kwestjoni li trid tigi esaminata hi jekk il-bastiment kienx il-mezz ta' garr tas-sigaretti li instabu f'Malta irregolarment.

"**Fatti rilevanti rizultanti**

"Jirrizulta li meta l-bastiment in kwestjoni dahal hawn Malta nstabet fuqu kwantita' ta' sigaretti li ma kienux gew dikjarati u ghalhekk ma thallsitx it-taxxa ta' importazzjoni fuqhom. Is-sigaretti nstabu wara li saru zewg tfittxijiet wahda wara l-ohra b'intervall zghir ta' hin bejnithom. Jirrizulta ukoll li dwar dawn il-fatti ttiehdu proceduri kriminali kontra l-imsmmi Kaptan tal-bastiment pero'ma nbdewx tali proceduri kontra l-attur bhala s-sid tal-bastiment.

"L-imsemmija fittxijiet abbord il-bastiment saru mill-awtoritajiet kompetenti, inkluz minn ufficjali tad-dwana. Bhala rizultat ta' dawn it-tfittxijiet instabu sigaretti li fuqhom ma kienitx thallset it-taxxa ta' importazzjoni. Fl-ewwel tfittxija nstabu tnejn u ghoxrin grossa u hames pakketti ta' sigaretti, filwaqt li fit-tieni tfittxija nstabu master case bi hamsin grossa sigaretti u tlett master cases ukoll b'hamsin grossa sigaretti kull wahda. Is-sigaretti nstabu midfunin taht xkejjer tar-ross fl-istiva kif ukoll taht il-floor board.

"**Affidavit tar-rikorrenti**

"Ir-rikorrenti, fl-affidavit tieghu, kkonferma li l-bastiment in kwestjoni jintuza ghas-sajd fl-ibhra internazzjonali fil-Mediterran. Ghal dan il-ghan l-attur jingagga kaptan u fil-massima kull vjagg idum circa tlett xhur. Anke l-vjagg in kwestjoni kien mistenni li jiehu tlett xhur u meta jintemm il-vjagg il-bastiment kellu jirritorna lura l-Egittu. Ir-rikorrenti kkonferma li fit-30 ta' Ottubru 2009 il-kaptan tal-bastiment infurmah li

kienet sviluppat hsara mekkanika fil-bastiment meta l-bastiment kien qed ibahhar xi 25 mil il-barra minn Malta.

“Bhala rizultat tal-istess hsara kien qed jidhol l-ilma u inoltre kienet sviluppat hsara fit-tank tad-“diesel.” In vista ta’ dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti dderiga l-kaptan biex jidhol Malta sabiex setghu jsiru t-tiswijiet necessarji. Il-bastiment dahal fil-port ta’ Malta fit-30 ta’ Ottubru 2009. Meta r-rikorrent ircieva l-imsemmija telefonata huwa nzerta li kien Malta in konnessjoni ma xi negozju iehor li huwa ghandu hawnhekk. Huwa ghalhekk kien presenti fuq il-bastiment zgur meta saret it-tieni tfittxija.

“Ir-rikorrenti ddikjara lill-ufficjali tad-Dwana li hu ma kien jaf xejn dwar is-sigaretti li nstabu. Ir-rikorrenti spjega li s-sigaretti kienu intizi ghall-uzu personali tal-ekwipagg, inkluz il-kaptan, li b’kollox kienu jammontaw ghal tmienja minn nies. Ir-rikorrenti spjega li dawn kellhom jibqghu fuq il-bahar ghal tlett xhur shah u minhabba f’hekk ukoll kienet tittiehted provista mhux hazin ta’ ross, hobz, zejt ghat-tisjir, te, sokkor, zejt ghall-magna, “diesel” u hafna affaerijiet ohra. Dawn kollha nstabu fit-tfittxijiet fi kwantita’ mhux zghira. Ir-rikorrenti kkonferma ukoll li l-bastiment qed jinzamm fil-Port il-Kbir u huwa qed ikollu jhallas rata ghal kull jum li l-bastiment jibqa hemm ankrat. Ir-rikorrenti sostna li l-bastiment hu mezz importanti ghall-ghixien tieghu u li l-fatt li l-istess bastiment jinsab ankrat qed jikkawzalu danni.

“**Xhieda tal-“marine surveyor”**

“Joseph Amato, li hu marine surveyor, xehed fl-imsemmija proceduri kriminali u kopja ta’ dik id-deposizzjoni giet prodotta f’dawn il-proceduri. Dan ix-xhud ikkonferma li kien ghamel survey tal-bastiment in kwestjoni wara li dan dahal fil-port ta’ Malta. Ix-xhud ikkonferma li l-bastiment kien dahal Malta ghax kien qed jidhol l-ilma bahar mix-xaft tieghu u kellu ukoll kontaminazzjoni ta’ fuel u t-tankijiet kienu kkollassaw. Ix-xhud: ikkonferma li fl-istat li kien il-bastiment ma kienx tajjeb biex ibahhar u kienet decizjoni ghaqlija li dahal fl-aktar port vicin. Ikkonferma ukoll li kien perikoluz li l-bastiment jibqa jbahhar fl-istat li kien fih. Ix-xhud inoltre kkonferma li anke l-friza kellha l-hsara u ghallhekk lanqas seta jsir sajd. Ix-xhud ivvaluta l-bastiment fl-istat li kien fih ghas-somma ta’ mhux aktar minn €26,000. Dan kollu bl-ebda mod ma gie kkontestat.

“**Sottomissjonijiet tar-rikorrenti**

“Fin-nota tieghu r-rikorrenti ssottometta li in konsegwenza tal-proceduri penali li ttiehdu kontra l-kaptan, l-istess kaptan gie kundannat ghall-hlas ta’ multa talli naqas li jiddikjara s-sigaretti in kwestjoni, pero’ huwa gie liberat mill-akkuza li xjentement kellu x’jaqsam f’qerq biex issir evazjoni mill-hlas tad-dazju. Dwar dan il-Qorti tikkonsidra li l-fatt li ma gewx inizjati proceduri penali kontra r-rikorrenti, bhala s-sid tal-bastiment, hu indikattiv li l-awtoritajiet

kompetenti kellhom dubju jekk kienx ippjanat li l-bastiment jidhol fil-Port ta' Malta u jekk ir-rikorrenti kienx jaf bl-esistenza tas-sigaretti.

"Ir-rikorrenti jkompli jissottometti li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, mhux ragjonevoli li l-bastiment jibqa jinzamm maqbud u dan ukoll in vista tal-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Marzu 2010 fil-kawza kontra l-kaptan, li nstab hati biss li naqas milli jiddikjara s-sigaretti in kwistjoni. Hi ukoll l-opinjoni ta' din il-Qorti li, fic-cirkostanzi prevalenti tal-kaz, mhux ragjonevoli li l-bastiment jibqa jinzamm maqbud. Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ragjonevoli u inoltre m'hemmx bazi legali biex il-bastiment jibqa jinzamm maqbud.

"Jirrizulta indubbjament minn dak li kkonferma l-Inginier Joseph Amato, mhux kontradett, li il-bastiment kellu jidhol Malta biex jissewwew il-hsarat konsiderevoli li kienu sviluppaw tant li ll-istess hsarat ma kienux jippremettu li l-bastiment ikompli ibahhar. In effett jirrizulta li ma kienx ippjanat li l-bastiment jidhol Malta izda dahal appuntu ghax kellhom jissewwew l-imsemmija hsarat li del resto jidhru li sviluppaw fil-kors tal-vjagg li kien qed jaghmel il-bastiment u waqt li l-istess kien qed ibahhar mhux il boghod minn Malta. Konsegwentement zgur li ma jistax jinghad li s-sigaretti kienu intenzjonati li jitnizzlu Malta u kwindi, kif sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali, hu zgur li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tas-sigaretti ma kienx jammonta ghal qerq. In effett ma jirrizultax li kien hemm l-intenzjoni li jigu importati sigaretti gewwa Malta minnghajr ma jithallsu t-taxxi relattivi ta' importazzjoni.

"Ir-rikorrenti jissottometti li, fic-cirkostanzi ma kienx hemm in-necessita' li s-sigaretti jigu dikjarati. In effett f'dan ir-rigward il-Qorti mhux ghal kollox sodisfatta li s-sigaretti kienu intizi ghall-uzu personali tal-kaptan u tal-bahrin. Instabet kwantita kbira ta' sigaretti b'kollox instabu 222 kartuna u hames pakketti sfuzi ammontanti ghal total ta' 44,520 sigarett. Ghalhekk mhux verosimili li s-sigaretti kienu intizi ghall-uzu personali tal-ekwipagg matul il-vjagg in kwestjoni, pero' hu zgur li s-sigaretti ma kienux intizi biex jigu zbarkati u importati gewwa dawn il-gzejjer. Jirrizulta li nholqot emergenza u ghalhekk in effett ma jissustix l-obbligu li s-sigaretti jigu dikjarati la darba ma kienx hemm l-intenzjoni li s-sigaretti jitnizzlu Malta pero' l-ufficjali tad-Dwana setghu gew informati bl-esistenza tas-sigaretti abbord. Inoltre s-sigaretti instabu qishom mohbijin u dan il-fatt ovvjament kompla jqajjem dubbji. In effett, pero', ma jirrizultax bhala fatt li xi hadd ittanta jnizzel is-sigaretti Malta u lanqas ma jirruzulta li xi haga, hi x'inhi, tnizzlet minn abbord clandestinament waqt li l-bastiment kien Malta. Barra minn hekk instab li kien hemm mahzuna abbord kwantita' mhux kazin ta' ikel u oggetti ohra varji. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll li hi haga normali li ghall-vjagg ta' certu tul fiz-zmien ikun hemm abbord il-bastiment kwantita' mhux hazin ta' provisti ta' ikel.

"L-artikolu 68 tal-Kapitolu 37 (Ordinanza tad-Dwana) jesigi li l-bastiment, li jkun intuza ghall-garr ta' oggetti, li fuqhom ma jkunx

thallas id-dazju, jigi konfiskat. Ghall-precizjoni dan l-artikolu jipprovdi li bastiment li jkun **xjentement** gie uzat fl-importazzjoni jew garr ta' oggetti li d-dazju fuqhom ma jkunx thallas, ghandu jigi konfiskat. Il-ligi ghalhekk tesigi li l-bastiment ikun gie "xjentement" usat ghall-importazzjoni jew garr ta oggetti li fuqhom ma thallax dazju.

Il-bastiment in kwestjoni gie konfiskat bl-ordni tal-Qorti tal-Magistrati skond is-sentenza tal-istess Qorti tad-29 ta' Jannar 2010. Din is-sentenza pero' giet superata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Marzu tal-2010. In effett f'dikriet moghti f'rikors appositu l-imsemmija Qorti tal-Appell pprovdiet li l-bastiment jista jigi rilaxxat purche' tithallas il-multa imposta u purche' jigu terminati l-proceduri civili, cioe' l-presenti proceduri.

"**Sottomissjonijiet tal-intimat**

"Fin-nota responsiva tieghu l-intimat issottometta li mal-wasla tal-bastiment f'Malta biex il-bastiment seta jidhol Malta kellha issir dikjarazzjoni tat-tghabija li kien qed igorr il-bastiment. L-intimat irritjeni li tali dikjarazzjoni ma saritx pero' ma gietx prodotta tali dikjarazzjoni jew kopja awtentikata taghha u kwindi dan il-fatt allegat mill-intimat ma setax jigi debitament verifikat.

"Jista jkun li hu rrilevanti, ghall-finijiet ta dawn il-proceduri, jekk l-attur bhala sid kienx jaf bl-uzu li kien qed isir mill-bastiment. F'dan il-kaz pero ma tirrizultax li s-sigaretti kienu ser jitnizzlu Malta jew li kien hemm il-hsieb li ma jithallax dazju. Dan tal-ahhar hu element importanti biex ikun jista jigi deciz il-rilaxx tal-bastiment. Il-Qorti tikkonsidra li ma kienitx ragjonevoli l-offerta maghmula lir-rikorrenti mill-intimat li l-bastiment jigi rilaxxat biss jekk tinghata garanzija ekwivalenti ghal-valur tal-bastiment kif stmat mill-espert inkarigat mill-attur u cioe' garamzija ta' €600000.

"L-azzjoni civili hija kompletament separata u indipendenti mill-azzjoni kriminali u kwindi din il-Qorti bl-ebda mod ma hi vinkolata jew limitata bid-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Mhux bizzejjed li jirrizulta biss li l-bastiment intuza biex jingarru hwejjeg li fuqhom ma kienx thallas dazju. Hemm diversi konsiderazzjonijiet ohra li ghandhom jisiru b'mod partikolari jekk l-istess hwejjeg setghux jitqiesu li kienu intizi li jigu importati gewwa Malta. Il-Qorti tikkonsidra li fic-cirkostanzi prevalenti l-intimat mhux gustifikat legalment li jibqa jzomm maqbud il-bastiment. Dan qed jinghad fuq bazi ta' probabbilita` u mhux oltre kull dubju ragionevoli kif trid il-ligi.

"Fid-dawl tal-premess l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat jimmeritaw li jigu rigettati filwaqt li t-talbiet tar-rikorrenti jisthoqqilhom li jigu akkolti.

"Ghal dawn il-motivi kollha:-

> "Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur u tordna l-rilaxx tal-bastiment in kwestjoni u konsegwentement tordna lill-intimat jikkonsenja l-istess bastiment lir-rikorrenti, li hu awtorizzat jiehu l-pussess tal-bastiment.
>
> "In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kontrollur tad-Dwana li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u li minflok tilqa' l-istess appell u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-appellat, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti ghandha tichad l-appell interpost mill-Kontrollur tad-Dwana u tikkonferma l-imsemmija sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-istess Kontrollur appellant;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara t-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti mill-avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

F’din il-kawza l-appellanti, Direttur Generali (Dwana), qieghed jitlob illi a tenur tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta), jigi dikjarat li l-konfiska tal-bastijment MFV ‘Al Basil 1’ kienet tassattiva ladarba rrizulta li ntuza’ fil-garr ta’ hwejjeg li fuqhom ma thallsux jew ma gewx kawtelati t-taxxi relattivi, u l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna r-rilaxx tal-istess vapur a favur is-sid.

Illi ghandu jinghad mal-ewwel li f’kull kaz ladarba l-konfiska hija procedura *in rem,* il-fatt jekk is-sid kienx jaf jew le ma jaffettwax l-istess konfiska.

L-intimat appella mis-sentenza tas-16 ta’ Dicembru, 2011 peress li hassu aggravat u meta talab li tithassar u tigi revokata fis-shih dik is-sentenza, fisser li l-aggravju principalment jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi stante li l-kriterji li l-Qorti ghandha tikkunsidra u tiddeciedi l-azzjoni odjerna huma sanciti taht l-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana.

Illi minn ezami tal-fatti li wasslu ghall-kawza odjerna ghandu jinghad li r-rikors promotur sar minn sid il-bastiment MFV ‘Al Basil 1’, Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa, wara li l-imsemmi bastiment, waqt li kien taht il-kontroll tal-Kaptan Hemida Abdel Saleh Mohammed Hemida Elsaka, intuza biex gie kommess att kriminali, bi ksur tal-ligi tad-dwana,

in kwantu nstabu kwantita` kbira ta' sigaretti fl-istess bastiment li fuqhom ma thallasx id-dazju jew taxxa dovuta. Konsegwentement il-Kontrollur tad-Dwana qabad l-imsemmi bastiment, liema qbid igib referenza numru 105/2009, u wara li r-rikorrent avza lill-Kontrollur li kien fil-hsieb illi jitlob ir-rilaxx tal-bastiment, ipproceda permezz tal-proceduri odjerni. Ir-rikorrent appellat jishaq illi huwa kien assolutament estranju u ma kellu ebda involviment fl-att kriminali tant li l-proceduri kriminali ttiehdu biss fil-konfront tal-Kaptan u mhux fil-konfront tieghu, peress li ma kienx a konoxxenza u wisq anqas awtorizza lil terzi sabiex jaghmlu xi att kriminali fuq il-bastiment, proprjeta` tieghu. Ir-rikorrent appellat jilmenta mill-konfiska mwettqa mill-Kontrollur appellant inkwantu l-bastiment huwa oggett separat u distint mis-sigaretti misjuba fih u b'konsegwenza ta' agir ta' terzi qieghed jigi mcahhad minn proprjeta` tieghu, li jikkostitwixxi l-mezz ta' ghixien tieghu u li konsegwentement bil-konfiska qieghed isofri danni ingenti, peress li l-istess bastiment huwa oggett uzat minnu fin-negozju tieghu. Ir-rikorrent appellat permezz tal-proceduri odjerni qieghed jitlob ir-rilaxx tal-bastiment proprjeta` tieghu u li jiehu lura l-pussess tieghu, peress li huwa m'ghandux jehel il-piena tal-konfiska u jibqa' mcahhad mill-imsemmi bastiment proprjeta` tieghu.

L-appellant Kontrollur jishaq li ladarba nstabet kwantita` ta' sigaretti fuq il-vapur, li fuqhom ma thallasetx it-taxxa relattiva, il-vapur huwa tassattivament suggett ghall-qbid ai termini tal-Artikolu 68 tal-imsemmi

Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta. It-taxxi li kellhom jithallsu jammontaw ghal sebat elef mija u tlieta u ghoxrin euro u disgha u tletin centezmu (€7,123.39). Inoltre, l-appellant intimat isostni li dawn il-proceduri huma *in rem* ghar-rilaxx tal-vapur kif provdut taht l-Artikolu 72 tal-imsemmi Kap. 37 u ghalhekk mhux rilevanti ghall-proceduri odjerni li sid il-vapur kienx jaf jew le dwar l-uzu li kien qieghed isir mill-vapur jew kienx konxju bl-ezistenza tas-sigaretti in kwistjoni. L-appellant itenni li ladarba l-vapur kien il-mezz ta' garr ta' oggetti li kienu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-ligi, skont gurisprudenza konsistenti, l-Qorti ghandha tikkonferma l-ordni ta' konfiska.

Minn ezami tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li hija rilevanti x-xhieda ta' Jesmond Vella. Dan l-ufficjal tad-dwana jixhed illi meta dahal il-vapur fil-port ta' Malta ma giex iddikjarat li kien hemm xi haga dazzjabbli fuq il-vapur, cioe`, kwantita` ta' sigaretti. Sussegwentement l-ghada minn spezzjonijiet li saru, u li ghalihom kien prezenti waqt zewg tfittxijiet li saru fuq il-bastiment *de quo,* irrizulta li qabel l-ewwel tfittxija staqsa lill-kaptan kellux affarijiet x'jiddikjara u l-kaptan wiegeb fin-negattiv, izda wara tfittxija rrizulta li nstabu tnejn u ghoxrin grossa u hames pakketti sfuzi fil-kabini li, skont kif konfermat mill-attur stess, inqabdu mid-dwana. Ftit sieghat wara, saret it-tieni tfittxija u din id-darba irrizultaw erba' *master cases* li kien fihom hamsin grossa sigaretti, wahda fl-istiva taht ix-xkejjer tar-ross u l-ohrajn taht il-*floor boards* taht hazna ohra ta' ross,

flimkien ma' hazna ta' zjut u hobz. Kien hawn li d-dwana harget in-nota ta' qbid kontestata permezz tal-proceduri odjerni. Din ix-xiehda hija ikkorraborata b'dik ta' ufficjal iehor, Raymond Caruana, li sahansitra jghid li qabel it-tieni tfittxija, ghalkemm espressament staqsew lill-kaptan ghandux izjed sigaretti, dan ghat-tielet darba qal li m'ghandux.

Ir-rikorrent u l-kaptan tal-bastiment permezz tal-affidavits taghhom jishqu illi l-vapur kien qieghed barra jistad fl-ibhra internazzjonali ghal perjodu ta' tliet xhur meta l-bastiment zviluppa hsara li minhabba fiha kien qed jidhollu l-ilma. Kien minhabba din l-emergenza li ddecidew li l-bastiment jidhol fil-port ta' Malta, konsegwenza ta' hsarat estensivi li sofra l-vapur li ma kienx jaghmluh sigur li jkompli jbahhar, u kien ghalhekk li s-sid qal lill-kaptan sabiex idahhal il-bastiment Malta sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega. Min-naha tieghu l-kaptan jghid li ma kienx fil-hsieb li jigu Malta u li gew biss minhabba sitwazzjoni ta' emergenza li zviluppat abbord il-bastiment. Huwa jzid jghid li s-sigaretti kienu ghall-konsum tieghu u tan-nies abbord il-bastiment u li ma kienx jaf kemm kienu l-kwantitatjiet ta' sigarretti abbord u lanqas fejn kienu qeghdin jinzammu, ghalkemm kien jaf li normalment dawn jinzammu mal-affarijiet tal-ikel.

In sostenn tal-qaghda tal-bastiment, ir-rikorrent jipprezenta x-xiehda moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali kontra l-

kaptan tal-bastiment, kif ukoll ir-rapport imhejji mill-Inginier Marittimu Joseph Amato li minnhom jirrizulta l-qaghda li fih kien il-bastiment.

L-inginier jghid li l-bastiment ma kienx tajjeb biex ibahhar u kien ghaqli li l-bastiment dahal fl-eqreb port ghat-tiswijiet mehtiega fuqu u "*To put it bluntly, the ship is unsafe to go to sea*".

Inoltre r-rikorrent esebixxa s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Marzu 2010, fil-proceduri **Il-Pulizija v. Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka** li permezz taghha filwaqt li ddikjarat l-imputat mhux hati li xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab jew jigi ittentat li jinharab id-dazji/taxxi dovuti billi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sigaretti, izda sabitu hati talli naqas li jiddikjara l-istess oggetti lill-ufficjali tad-Dwana u wara li rat l-Artikolu 6 tal-Kap. 37 ikkundannatu multa ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329·37) u ordnat il-konfiska tas-sigaretti kollha. Wara rikors quddiem l-istess Qorti mressaq fit-30 ta' Marzu 2010, il-kaptan talab li jirtira l-imsemmi bastiment wara li l-Qorti b'dik is-sentenza rrevokat l-ordni ta' konfiska tal-imsemmi bastiment. Il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' digriet datat 5 ta' April, 2010 awtorizzat ir-rilaxx tal-bastiment: "**<u>purche` l-ewwel tithallas il-multa u li jigu terminati definittivament il-proceduri civili pendenti. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu jesebixxi vera kopja tal-ircevuta u</u>**

**<u>vera kopja tas-sentenza definittiva sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkonferma tali rilaxx</u>**" (enfasi mizjud). Tajjeb li jinghad li dik il-Qorti ma iddeciditx il-kwistjoni definittivament izda hija kundizzjonata ghal zewg affarijiet (i) li tithallas il-multa (kopja tal-imsemmija ricevuta ma tirrizultax mill-process) u (ii) li jigu konkluzi dawn il-proceduri permezz ta' sentenza definittiva.

Peress li l-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq apprezzament hazin tal-ligi, tajjeb li wiehed jara l-provvediment rilevanti. Il-materja in ezami hija regolata bl-imsemmi Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana, li jipprovdi:

> "***68.*** *(1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark,* ***fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska <u>għandhom</u> jiġu kkonfiskati****:*
>
> *Iżda, ebda bastiment ma jkun suġġett għal konfiska taħt id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellata."* (enfasi mizjud).

Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti "*suggetti ghall-konfiska*" (ara wkoll l-Artikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja. L-appellant gustament jishaq li taht din il-ligi

specjali ma hemm l-ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata, fis-sens li ladarba jirrizulta ksur tal-provvediment tal-Artikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatarja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma nghata ebda diskrezzjoni. Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:

> *"Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "**Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana**" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha"* – ara **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana -** deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t'Ottubru 2005.

Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t'Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana:**

> "*Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **"Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*

> *"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l- operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjeta`rju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fis-27 ta' Frar, 2003".*"

F'sentenza ohra recenti tat-13 ta' Novembru 2015, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Farrugia v. Kontrollur tad-Dwana,** l-Qorti filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta' gurisprudenza hawn fuq imsemmija, ziedet: *"L-artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jaghmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-garr ikunx jaf jew le bl-attivita' kriminali...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jatix diskrezzjoni lill-Qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-Qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. Il-fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-Qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x'jaqsam f'reat".* Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak espost mill-Prim'Awla f'din is-sentenza.

Illi nkwantu s-sottomissjoni tal-appellat illi l-Qorti tal-Appell Kriminali awtorizzat ir-rilaxx tal-bastiment, din ghamlitu "*purche` l-ewwel tithallas il-multa u li jigu terminati definittivament il-proceduri civili pendenti*", u kif rilevat mill-appellant, l-azzjoni kriminali hija distinta mill-azzjoni civili fis-sens li filwaqt li quddiem il-Qorti Kriminali l-prova ta' htija trid issir lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u sta ghall-prosekuzzjoni biex taghmilha, quddiem il-Qorti Civili, ladarba r-rikorrent qieghed jattakka l-hrug tan-Nota ta' Qbid, sta ghalih li jgib il-prova mehtiega sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq il-bazi ta' probabbilita` dwar jekk il-Kontrollur intimat kienx gustifikat li johrog in-nota kontestata u dan a bazi tal-ligi tad-dwana fuq il-konsiderazzjoni wahdanija dwar jekk il-mezz ta' garr intuzax xjentement sabiex fost affarijiet ohra, jingarru, jinzammu jew jinhbew oggetti li fuqhom ma thallasx id-dazju.

Inoltre l-Artikolu 72 (2) tal-Kap.37, jistabilixxi li l-procedimenti ghat-talba sabiex il-hwejjeg maqbuda jintraddu lura ghandha ssir quddiem il-Qorti civili kompetenti. Hawnhekk terga ssir referenza ghas-sentenza gia` kwotata fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe. v. Kontrollur tad-Dwana** fejn fir-rigward jinghad ukoll: *"L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement". Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-*

*affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni tal-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll tal-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova tal-ezistenza ta' dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta' rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta' oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista' jitqies bhala sostratt baziku taghha. "Xjenza" din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil-prosekuzzjoni li tipprova u ssostni . Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37)".*

Illi rigward is-sottomissjoni tal-appellat illi l-iskuna tieghu dahlet f'Malta ghas-semplici raguni li zviluppat sitwazzjoni ta' emergenza meta beda diehel l-ilma fl-iskuna u li ghalhekk dan jixhed illi ma kienx hemm ebda intenzjoni ta' importazzjoni ta' sigaretti sdazjati, din il-Qorti tinsab konvinta mir-rapport tal-inginier marittimu Joseph Amato, li l-iskuna kienet fi stat tali li ma setghetx tkompli tbahhar u li konsegwentement kellha bilfors tidhol Malta minhabba l-hsarat li zviluppaw. Madanakollu hekk kif l-iskuna dahlet Malta, l-kaptan kellu l-obbligu jottempra ruhu mal-ligijiet tad-dwana vigenti fil-pajjiz, billi jiddikjara s-sigaretti prezenti fuq l-iskuna.

Inoltre f'dan il-kaz in ezami, mhux dubitat li inqabdu kwantita` kbira ta' sigaretti – erbgha u erbghin elf, hames mija u ghoxrin (44,520) – li kif osservat l-ewwel Qorti, jixhdu li probabilment is-sigaretti ma kienux intizi ghall-uzu personali tal-ekwipagg in kwistjoni. Madanakollu, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkonkludi li dawn is-sigaretti x'aktarx ma kenux intizi biex jigu zbarkati jew importati f'dawn il-gzejjer. Izda, kif gia` ntwera, minn ezami akkurat tal-artikolu in kwistjoni, il-ligi ma titkellimx biss fuq importazzjoni u zbark, izda sahansitra tinkludi il-kliem "*fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas*". Mill-provi li irrizultaw, huwa minnu li l-maggoranza tas-sigaretti kienu mizmuma flimkien mal-ikel taht il-*floor board*, fl-istore tal-iskuna, taht l-ixkejjer tar-ross, pero`, l-kaptan naqas mhux darba izda

tliet darbiet li jiddikjara l-istess sigaretti. Wiehed jista' forsi jikkoncedi li kien hemm xi dizgwid waqt l-ewwel dikjarazzjoni, biss hekk kif l-ufficjali tad-dwana staqsewh, qabel ma saret l-ewwel tfittxija, u wara li huwa cahad, instab li kien hemm is-sigaretti abbord li gew konfiskati, zgur li kellu jkun jaf qabel ma saret it-tieni tfittxija meta regghu espressament staqsewh, li kien hemm aktar sigaretti abbord il-bastiment li kellhom jigu dikjarati, aktar u aktar meta irrizultaw il-kwantitajiet li kien hemm. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-kaptan kien xjentement qieghed igorr sigaretti li fuqhom ma thallasx id-dazju mehtieg.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li r-rikorrent appellat ma sehhlux jipprova fuq il-bazi ta' probabbilita`, in-nuqqas ta' xjenza tal-kaptan u dan bi ksur tad-dispozizzjoni in ezami. Kif rajna l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn ix-xjenza tal-kaptan u dik ta' sid il-bastiment. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellat fis-sens li ladarba ma jirrizultax li s-sigaretti kienu ser jigu zbarkati, u ma kien hemmx intenzjoni li s-sigaretti jigu importati jew spaccati ghal konsum fis-suq lokali, allura mhux il-kaz li s-sigaretti sdazjati kienu llegali u l-mezz tat-trasport taghhom konfiskabbli. Huwa ritenut li ladarba l-bastiment serva sabiex xjentement jingarru u jinzammu sigaretti mistura li ma thallasx id-dazju fuqhom, is-sigaretti flimkien mal-mezz ta' garr ghandhom ikunu konfiskati skont il-ligi. Konsegwentement jirrizulta li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta fl-analizi tal-ligi applikabbli ghall-fatti rizultanti fil-kaz odjern, ordnat ir-rilaxx

tal-bastiment in kwistjoni, peress li kif rajna l-Qorti hija obbligata tapplika l-ligi sostantiva, li minnha jirrizulta tassattivament il-konfiska tal-bastiment fic-cirkostanzi in ezami, u dan in ottempranza tal-Artikolu 68 tal-imsemmi Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, l-aggravju tal-appellant jirrizulta tajjeb, u l-Qorti ser tilqa' l-appell.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat billi tilqghu u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat u ordnat ir-rilaxx tal-bastiment u minflok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jibqghu li jithallsu mir-rikorrent appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | JosephAzzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb